# L-Istampa f'Malta

*Ta'* Ġużè Gatt

**THABRIK TAL-GRAN MASTRU PERELLOS BIEX IDAHHAL L-ISTAMPA F'MALTA**

*(Il-Hames Taqsima; tissokta man-Nru. ta' Diċembru, faċċ. 157)*

GHALKEMM id-dmir ta' l-Ordni kien li jqaċċat l-Istampa minn Malta, bħalma rajna fit-taqsima ta' qabel din, dan wettqu bla ma xtaq qatt li jasal f'dawn it-trufijiet. Iżda, ladarba b'dak li qatgħet Ruma sab ruħu mitfugħ u marsus b'dahru mal-ħajt, ma kellux jagħmel ħaġ'oħra, għajr li jħares ġiehu, billi ma jilqax li din titħalla taħdem f'saltnatu f'għamla mhux xierqa għalih.

Tabilħaqq, meta din intemmet minn hawn, għela bis-sħiħ, għax, wara li ħerek u għereq ħafna, ra jtir mar-riħ u jisfa' fix-xejn, dak it-taħbit u x-xogħol kollu li swietlu biex irnexxielu jdaħħalha f'artna. Għalhekk, ma jinħtieġ li ngħidu, li, kulma sar f'din il-biċċa, ma kien jaqbel xejn li xejn max-xewqa u r-rieda li kellu.

Iżda, dik li gżiritna tibqa' miċħuda mis-sengħa meħtieġa ta' l-Istampa, l-Ordni ma seta' jġerragħha u tinżillu qatt. Mhux biss. Imma dan in-nuqqas kien iħossu jifnih qatigħ, billi kien iżommu bħala ħaġa ta' għajb kbir għall-ħakma tiegħu f'Malta. Fuq hekk, kull meta deher imerżaq fix-xefaq xi xaqq dawl ta' tama dwarha, mhux biss ma kienx iħallih jaħrab u jiżloq minn taħt idejh, imma kien jaħtaf malajr il-waqt, billi jibda jħabrek u jfittex kif jista' jagħmel ħalli jerġa' jdaħħalha hawnhekk mill-ġdid.

Ma kienx ilu wisq li, b'Sultan ta' Malta, laħaq Fra Rajmond Perellos meta, fl-1698, inqala' wieħed barrani, fejn tarraf il-ħsieb tiegħu biex iġib stamperija fi gżiritna. L-Ordni, billi kien imxennaq u mlebleb ħalli jfittex jara l-Istampa tiżhar u tnawwar f'Malta, il-Gran Mastru ma qalx le. Iżda, billi Perellos kellu l-biża' li din il-biċċa tista' aktarx terġa' tiltaqa' ma' xi tfixkil u tbixkil, bħalma hekk messitha x-xorti fl-1644, qabel xejn ma ndaħal għaliha, ried li jtektek Ruma, bil-ħsieb u t-tama li jara lil din jekk titħajjarx tiċċaqlaq, iddur u terħi xi ftit minn dak li qatgħet u żammet fi żmien il-Gran Mastru Laskri.

Perellos beda l-ħidma tiegħu fi dħul Ġunju ta' l-1698 (1). Fit-3 ta' l-imsemmi xahar, mill-Kanċellerija ta' l-Ordni, refgħu kopja tat-talba li Pompew de Fiore kien għamel lil Laskri, ħimkien mad-degriet li dan il-Gran Mastru taħ fis-17 ta' Lulju, 1642. Ma' dawn, fil-Kanċellerija, sabu ħwejjeġ oħra wkoll dwar il-ġrajja ta' l-Istampa f'Malta, miktuba mill-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, il-Kmandatur Ġanfranġisk Abela.

Meta Perellos ġabar kulma kien jinħtieġ, biex wieħed jagħraf jimxi u jsejjes ħidmitu sewwa fuqha, bagħat kollox Ruma, lill-Awditur tiegħu Balsani (Balzan?), billi dan inzerta siefer minn Malta għal hemm, jiem qabel, ħalli jissielet u jitħaqqaq dwar xi tilwim li nqala' bejn l-Isqof u l-Ordni. Barra minn hekk, Perellos kiteb ukoll, fl-14 u l-21 ta' Ġunju, 1698, lill-Ambaxxatur ta' l-Ordni f'Ruma, li f'dik il-ħabta kien Fra Marċell Sacchetti. Fihom widdbu ħafna biex joqgħod b'għajnejh miftuħa beraħ, billi jara u jqis tajjeb minn liema toroq l-aħjar li jgħaddi, ħalli dil-biċċa ma tisfax imxekkla u mwiegħra minn rieda, bħal dik li qajjem l-Ingiżitur ta' Malta fl-1644, li, minn kull fejn tħares lejha, għandek issibha dejjem li hi fiergħa u battala għal kollox. Għalhekk reġa' wissieh li kellu jaħdem fuq dak it-tagħrif fil-wisa' li hu (il-Gran Mastru) bagħat lill-Awditur tiegħu Balsani.

Fit-12 ta' Lulju, 1698, l-Ambaxxatur Sacchetti wieġeb lil Perellos, fejn għarrfu li waslulu l-ittri tiegħu, fosthom dawk li jitħaddtu dwar il-ħajra li kellu biex idaħħal l-Istampa f'Malta. Fuq hekk ta bidu għax-xogħol tiegħu, billi qabbad lil min jitkellem ma' l-Assessur tas-Santu Uffizzju, biex jiksbu tagħrif minn għandu, ħalli jaraw dil-biċċa kif imissha tmur. Hu maħsub li din tista' titwettaq f'kull waqt li jixtieq u jogħġob lill-Gran Mastru, kif aħjar kellu jerġa' jiktiblu iżjed 'il quddiem malli jkollu f'idejh it-tagħrif li semmielu (2).

Iżda l-biċċa ma kenitx hekk ħafifa bħalma fehem u basar għall-ewwel li hi l-Ambaxxatur Sacchetti, għax wara ntebaħ u ra, li din kienet titlob ħidma bis-sħiħ u bla hedu xejn, biex ix-

(1) Fl-Arkivju ta' l-Ordni, fil-volum 271, pag. 75-78, hemm imniżżel li Perellos kiteb Ruma ħabta ta' l-1699. Dan l-għelt hu mtenni, tista' tgħid, minn dawk kollha li kitbu dwar l-Istampa f'Malta, magħduda magħhom aħna wkoll billi qgħadna fuq dak li sibna qabel, fil-ħin li, kif rajna l-lum, Perellos beda l-ħidma tiegħu sena qabel—fil-1698.

(2) Arkivju ta' l-Ordni, vol. 1310.

xewqa ta' Perellos titwassal fit-twettiq tat-tmiem tagħha.

Fuq it-tagħrif li l-Awditur Balsani newwel lil Sacchetti, dan ta' l-aħħar hejja talba għal quddiem il-Kardinali tas-Sagra Kongregazzjoni tas-Santu Uffizzju. Fiha wera u fisser l-għala ma seħħitx l-Istampa f'Malta, wara xi żmien li kienet imdaħħla hawn. Il-ħtija ta' kollox kien degriet li ħarġet l-imsemmija Kongregazzjoni, imwieżen u mriffed b'ittra li l-Kardinal Barberini kiteb lill-Ingiżitur fil-11 ta' Ġunju, 1644.

B'dan id-degriet, il-Gran Mastru sab ruħu mċaħħad li jniżżel l-"Imprimatur" tiegħu huwa wkoll, setgħa li, f'kull żmien, stgħallew, u għadhom jistgħallu, is-Slaten insara, mhux biss dawk ta' l-Italja, imma wkoll oħrajn ta' setgħa iċken minn tagħhom, bħalma hu magħruf minn kulħadd.

Billi l-Gran Mastru xtaq li jerġa' jdaħħal l-Istampa f'Malta mill-ġdid, qabel xejn, ried jitlobhom li jkunu ħanina fil-ħsieb tagħhom, billi jneħħu u jħassru l-imsemmi degriet. Floku jaqtgħu li l-"Imprimatur" isir b'dik il-għamla ta' kif inhu miexi mhux biss f'Napli u Milan, imma wkoll fi Sqallija — Saltna li dejjem ħakmet, u għadha taħkem, bil-liġijiet u d-drawwiet tagħha.

Anqas ma hi ħaġa ħafifa li wieħed ifittex ħalli jifhem, kif il-Gran Mastru jista' jaħtar għalih min jara u jifli l-kitba u wara jitħalla jniżżel ismu fiha, qabel ma din tingħata lill-istampatur, fil-waqt li, mill-banda l-oħra, lilu jinċaħad li jagħmel l-"Imprimatur" tiegħu wkoll fil-kotba stampati. Din hi ħaġa ta' bosta nuqqas ta' ġieh għas-setgħa tal-Gran Mastru.

Jerġa', l-"Imprimatur" ma għandux isir biss mill-Ingiżitur waħdu, imma mill-Isqof ta' Malta wkoll, fil-ħin li l-ittra ta' l-1844, lil dan mhux talli ma ssemmieh xejn, iżda, minn fuq, taqtgħu u tħallih barra għal kollox.

Dawn huma ħwejjeġ li minn kull naħa li tħares lejhom għandek issibhom dejjem li ma jaqblu xejn mas-sewwa u xierqa. B'danakollu, kemm-il darba jidhrilhom li s-setgħa ta' l-"Imprimatur", li issa dwarha biss qed jissieltu, le tmiss lil Gran Mastru bħala Prinċep, billi dan mhux Sultan sekular, ħaġa li ma titwemminx li għalhekk, ma jkunx nuqqas ta' sewwa, milli ta' ħaqq, li, għal ta' lanqas, iħallu li tkun stampata dik il-ħaġa li turi li l-kitba sefgħet imgħoddija min-naħa tal-Gran Mastru wkoll. Ingħidu aħna, f'dik il-għamla ta' kif inhi d-drawwa li qed issir

f'Lukka. Iżda, jekk dil-biċċa wkoll le ma togħġobhom, jistgħu jaqtgħu li jkun stampat dak il-kliem biss li juri li l-kitba raha l-maħtur tal-Gran Mastru, fil-għamla ta' kif qed titħaddem f'Parma, billi jsir hekk. Vidit N.N. dil-ħaġa, filwaqt li ma turi ebda setgħa fit-tiswir tagħha, ma kenitx ġiet miċħuda lil dawk il-moħtar fl-ittra tal-Kardinal Barberini.

Madankollu, dil-biċċa mhux biss tkun ħaġa sewwa, imma wkoll xierqa, ladarba xejn ma titbiegħed milli tgħid l-ittra li semmejna. Għalhekk, meta jogħġobhom jaqtgħu li jsir kif fis-srilhom, terġa' titwaqqaf mill-ġdid l-Istampa f'Malta, li, minn bosta żmien ilu, dil-gżira tinsab imċaħħda minnha.

Dan li hawn fuq tarrafna talbu l-Ambaxxatur ta' l-Ordni bil-ħsieb u t-tama li jaqilgħu f'għamla mhux anqas minn ta' mistħoqqija milli ta' ħaqq.

Wara li Sacchetti hejja t-talba li semmejna, kiteb żewġ ittri lill-Gran Mastru, fit-8 ta' Awissu u fil-15 ta' Novembru, 1698. Fihom bagħat igħidlu, li, dwar ix-xogħol kollu li qed isir, biex terġa' tkun tista' tiddaħħal l-Istampa f'Malta, kellu jiktiblu l-Awditur tiegħu Balsani u jgħarrfu b'kollox fil-wisa' (3):

* L-Awditur Balsani, bħalma għedna iżjed lura, kien mibgħut Ruma minn Perellos, biex hemm, bid-dehen u l-kelma għarfa tiegħu, igħin lil Sacchetti f'dak kollu li miegħu kellu x'jaqsam l-Ordni f'dik il-ħabta. Dan kien iżomm kitba għalih innifsu ma' Perellos, fejn biha kien itarraflu b'kulma jiġri u jinqala'. Iżda għajb, jaħasra, li dil-kitba ta' Balsani ma rnexxilniex insibuha fl-Arkivju ta' l-Ordni!

Mill-kitba ta' Sacchetti biss, ftit, wisq ftit, nistgħu naqbdu u nieħdu tagħrif u dawl fuq x'ħidma saret f'Ruma dwar il-biċċa ta' l-Istampa f'Malta. Hjiel mill-aktar ċkejken tista' tagħtina fuq it-tilwima ta' l-"Imprimatur". Jerġa', biex nissuktaw nibqgħu aktar b'ħafna nuqqas ta' tagħrif, il-volum ta' l-1698, ktieb li fih il-korrispondenza tal-Gran Mastru Perellos, jinsab nieqes

(3) Arkivju ta' l-Ordni, vol. 1310.

ukoll. B'hekk, bosta mix-xogħol li sar, sa jibqa' mitluf fi dlam waħxi (4).

Fis-17 ta' Jannar, 1699, Sacchetti kiteb lill-Gran Mastru, fejn, fost ħwejjeġ oħra, għarrfu li l-biċċa ta' l-Istampa hija mhejjija minn kollox u dalwaqt titressaq quddiem is-Sagra Kongregazzjoni ta' l-Ingiżizzjoni. Iżda dan kellu jsir malli din teħles u tispiċċa mix-xogħol li għandha f'idejha (5).

F'ittra oħra tat-18 ta' Lulju bagħat igħarrfu, li, jiem qabel, saret laqgħa ta' xi nies, li kienu maħtura minn fost dawk tas-Sagra Kongregazzjoni, biex jagħtu l-fehma tagħhom dwar ħwejjeġ li tressqu quddiemhom. Fost l-oħrajn kien hemm ukoll il-biċċa ta' l-Istampa. L-Assessur Mons. Spirelli tarraf bil-moħbi, lill-Awditur Balsani, li din rawha wkoll u għaddewha b'wiċċ il-ġid. Iżda, billi dak li dawn qatgħu, rìed jerġa' jitressaq mill-ġdid quddiem il-Kardinali kollha tas-Sagra Kongregazzjoni, u mbagħad jgħarrfu b'kollox lill-Papa, għal issa dil-ħaġa kellha tibqa' tinżamm mistura. Għalhekk jaqbel li wieħed jistenna x'jorbot u jħoll dan, filwaqt li jrid jittama li, dak kollu li jaqta' l-Papa, ikun jaqbel sewwa ma' l-imsemmija fehma li wrew dawk

(4) Ħwejjeġ tal-għaġeb il-volumi li sibna neqsin fost dawk li kellhom x'jaqsmu maż-żmien li fih saret xi ħidma biex tiddaħħal l-Istampa f'Malta! Donnu xi ħadd ġabarhom għandu bi ħsieb magħmul! Madankollu, ibikkik it-tħarbit li fih l-imsemmi Arkivju! Mhux darba u tnejn infittxu, biex naqbdu ħalli niktbu xi ħaġa, iżda ma jirnexxilniex, għax dak il-volum li minn fuqu nobsru li nistgħu nsejsu u nibnu li nkunu beħsiebna ngħidu, ma nsibuhx ma' l-oħrajn sħabu! Il-ħtija ta' din il-ħerba kollha kienet il-miġja tal-Franċiżi fi gżiritna, fl-1798. Dawn qattgħu u ħarqu ħafna minnu. Mhux biss. Kienu biegħu wkoll bosta kotba għat-tqartis lil xi ħwienet. Lil wieħed jismu Ganpatist Galea, li kien bil-ħanut tal-merċa l-Belt, tawh qnatar ta' karti minn dan l-Arkivju ta' l-Ordni. Dawn ħadhom bi ħlas ta' 63 qantar ross u 7 bramel żejt li l-Franċiżi xtraw minn għandu.

Meta Malta għaddiet għal taħt l-Ingliżi, il-Gvern għarraf lill-imsemmi biex ireġġa' lura dawk il-karti kollha li l-Franċiżi kienu tawh. Dan hekk kellu jagħmel. U wara li Galea kien ilu jinqeda bihom madwar tliet snin, fejn, f'daż-żmien, min jaf kemm biegħ kotba sħaħ minnhom lin-nies, barra dawk li qatta' biex sarr fihom, il-Gvern irnexxielu jikseb mill-ġdid 811-il ratal ta' kotba, 430 ratal ta' karti u 364 ratal ta' pergamena. B'kollox, 16-il qantar u ħamest irtal. Tagħhom il-Gvern tah dwar 440 skud, bħala karti tas-sarr, kif bħala hekk ukoll Galea ħadhom minn għand il-Franċiżi. Naħsbu li, b'dan li għedna hu biżżejjed biex wieħed jieħu ħjiel sewwa ta' kemm saret ħsara, tħarbit u ħerba fl-imsemmi Arkivju ta' l-Ordni.

(5) Arkivju ta' l-Ordni, vol. 1311.

il-Kardinali li nħatru biex jieħdu ħsieb jistħarrġu din il-biċċa (6).

Wara ħafna tiġbid u telf ta' żmien, fl-aħħar ħareġ il-wisq mistenni u bosta mixtieq degriet mis-Sagra Kongregazzjoni dwar l-Istampa. Kopja tiegħu kienet mibgħuta, mill-Ambaxxatur Sacchetti, lill-Gran Mastru, fil-15 ta' Awissu 1699 (7).

Dan id-degriet, li jġib il-jum tad-19 ta' Lulju 1699, igħid li tista' titwaqqaf l-Istampa f'Malta, iżda din trid titħaddem biss fuq kif igħidu l-Bolla tal-Papa Piju XI u d-degrieti li ħarġu mill-Konċilju ta' Trentu. Fi kliem ieħor ifisser li kellu jsir hekk. L-"Imprimatur" jitniżżel kemm mill-Ingiżitur, u l-isem tal-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, jew dak li jkun maħtur mill-Gran Mastru, jitqiegħed wara dawn, b'linja li tifirdu minnhom (8).

Iżda l-Gran Mastru ma għoġbu xejn li xejn kif safa' maqtugħ li kellu jimxi x-xogħol ta' l-Istampa f'Malta. Dik il-linja kienet tfisser ħafna, hekk ħafna qatigħ, li mhux biss ṫuri li ma ġiet mogħtija ebda setgħa ġdida lill-Gran Mastru dwar l-"Imprimatur", imma, fl-għamla tagħha, tagħti lil min jifhem sewwa wkoll, li l-Ordni ma tħalla li jkollu anqas l-iċken ħjiel ta' sehem fiha.

Billi dan id-degriet kien ta' bosta ħsara għall-ħakma ta' l-Ordni f'Malta, Rajmond Perellos, bħal Gran Mastru Laskri, ma riedx joqgħod għalih huwa wkoll. Neħħa kull ħsieb u xewqa li kellu biex jara t-twaqqif ta' l-Istampa f'artna, billi ma qanqal xejn aktar dwar din il-ħaġa. U b'hekk għiritna reġgħet ġiet imċaħħda, għat-tielet darba, minn sengħa kburija u ta' ħtieġa mill-iżjed — sengħa li ġiebet risq u ġid kull fejn sefgħet kienet imdaħħla.

(6) Arkivju ta' l-Ordni, vol. 1311.
(7) Arkivju ta' l-Ordni, vol. 1311.
(8) Arkivju ta' l-Ordni, vol. 271, paġ. 75-78.